MINUTI

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

LAQGĦA NUMRU TLIETA U TLETIN

10 ta' Diċembru, 2014

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, s-Sur Pierre Farrugia u s-Sur Kevin Sam Farrugia.

SKUŻAT

Il-Kunsilliera s-Sinjuri Rita Bellizzi, Dr Claudio Zammit, Raymond Grixti u David Abdilla infurmaw li minħabba safar/xogħol ma setgħux jattendu għas-seduta tal-lum. **Dok 1. 2 , 3 u 4** mehmuża.

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**33.1** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

32.1.1 Fir-rigward ta' punt 32.1.1, il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa lis-Sindku fuq jekk kellux tweġiba minn Transport Malta fuq it-twessieh ta' Vjal ix-Xarolla.

Is-Sindku qallu li sa seduta oħra jkollu risposta.

33.1.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li minħabba raġunijiet li ma kellux kontroll fuqhom l-attivita' tal-Milied li kellha ssir fid-19 ta' Diċembru, 2014 ser tkun posposta għad-29 ta' Diċembru, 2014 fl-istess ħin.

33.1.3 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fir-rigward ta' punt 32.10.8, hu avviċina lill-Kap amministrattiv tad-Day Centre għall-anzjani fejn approvat is-suġġeriment tal-Kunsill li jixtri apparat ta' eżerċizju għall-anzjani. Il-Kunsillier Dino Bonnici ser iġib kwotazzjonijiet ta' xi apparat u jressqu fis-seduti li jmiss.

33.1.4 Il-minuti ta' seduta 32 ġew approvati.

*33.2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra u tas-Sotto Kumitati Kultura u Turiżmu u Anzjani*

33.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 6 li inżammet fis-24 ta' Novembru, 2014, ġew approvati.

33.2.2 Il-minuti tas-seduti tas-sotto kumitat Anzjani li nżammet fit-28 ta' Novembru, 2014 ġew approvati.

33.3 *Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk*

33.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 52.

F'dan il-ħin daħlet għas-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima (ħin 19:15)

*33.4 Komunikazzjoni mis-Sindku*

33.4.1 Is-Sindku qal li l-Iscouts talbuh biex jużaw il-Mitħna tax-Xarolla biex jorganizzaw wirja ta' presepji bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru.
Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li meta l-Mitħna tkun miftuħa jeħtieġ li jkun preżenti wieħed mill-Kuraturi tal-Mitħna.
Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku qal li l-iscouts ftehmu mal-Kuratur Gorg Sammut u kien hemm qbil li hu jkun preżenti fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-wirja.

33.4.2 Is-Sindku qal li l-ftuħ ta' Dar Mattia Preti bħala ċentru tal-LEAP kienet suċċess. Hu qal li din il-ġimgħa kellu laqgħa mal-Leap fejn kien infurmat li ser jitqassam fuljett ta' informazzjoni fuq il-LEAP fid-djar kollha tad-distrett.

33.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand Dentist li jrid iwaħħal tliet tabelli ta' direzzjoni għall-klinika tiegħu.

Il-Kunsill ma approvax din it-talba.

33.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sotto Kumitat tal-Anzjani ser juża l-flus li kien ta Joe Micallef Travel lill-Kunsill meta kien organizza l-ġita għall-Sqallija. Tali fondi kienu jammontaw għall-485 Euro. Waqt il-laqgħa tas-Sotto Kumitat u li ġiet approvata mill-istess Kunsill, kien hemm qbil li l-anzjani 'l fuq minn 85 sena ser jiġu mgħotija tifkira tal-Milied. Dawn ser ikunu mqassma mill-Kunsillier inkarigat – Rita Bellizzi u mill-membri tas-Sotto Kumitat.

Kien hemm qbil fuq dan.

33.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv wriet ritratti ta' Triq iċ-Ċombini fejn resident talab li jsiru double yellow lines minħabba li vetturi kbar qed jolqtu l-gallarija tar-residenza tiegħu. Kien hemm qbil li issir talba lill-TM għall-approvazzjoni.

### *33.5 Outdoor Gym*

33.5.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici li ppropona li dan l-item jitressaq fuq l-aġenda tal-lum qal li l-Kunsill kiteb lis-Segrearju Parlamentari għall-isports fuq 'Out door gym' u r-risposta tiegħu kienet li l-Gvern m'għandux il-ħsieb li jkompli dan it-tip ta' proġetti.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv fl-aħħar seduta infurmat li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed għal dan il-proġett, hu jipproponi li l-Kunsill iżomm dan il-proġett bħala prijorita wara l-proġett maħsub li jsir sa minn snin ilu fi Triq Gervaze Mattew. Ippropona ukoll li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti mal-Gvern biex dan il-proġett isir b'fondi mill-Ministeru għall-isports.

Kien hemm qbil fuq dan imma wara li jkun hemm il-proġett il-kbir ta' Triq

Gervaze Mattew u meta l-Kunsill ikollu fondi biżżejjed għal dan il-proġett.

### *33.6 Approvazzjoni: Xogħlijet u Servizzi*

33.6.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq liema bażi l-Kunsill taż-Żurrieq ma ħax fondi biex jgħamel Triq Ħal Far bit-tarmakk wara l-ħafna talbiet li għamel lill-Gvern.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu flimkien mal-Viċi Sindku kellhom laqgħa mal-Onorevoli Dr Ian Borg fejn talbuh spjegazzjoni fuq dan ir-rigward u huma ġew infurmati li l-Kunsill taż-Żurrieq ħa Triq fil-kampanja – Triq Gio Batta Riccio (side road fi Triq Santa Marija f'Bubaqra u Sqaq ta' B'Xejn. Fondi oħra ma setgħux jingħataw lill-Kunsill minħabba li diġa kienu mwegħda toroq oħra lill-Kunsilli oħra. Il-Kunsillier D'Amato u l-Viċi Sindku wrewh id-diżapprovazzjoni tagħhom f'isem il-Kunsill u infurmawh li l-Kunsill ilu jinsisti biex Triq Ħal Far issir bit-tarmak minħabba l-ħsarat li fiha.

F'Dan il-punt is-Sindku Ignatius Farrugia wera d-diżappunt tiegħu għall fatt li ż-Żurrieq kien minsi mil-leġislatura preċedenti u għadu minsi sa din il-leġislatura u għalkemm hu għandu ħafna kuntatti għaż-Żurrieq għadu ma sar xejn mill-Gvern Ċentrali.

33.6.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li għalkemm saret laqgħa mas-Supretendent u l-ispettur tal-Pulizija u tressqu lmenti fosthom ta' inġenji kbar ipparkjati fi Triq tal-Ġonna, dawn l-ilmenti għadhom ma issolvewx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-ilment ressqitu għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

33.6.3 Il-Kunsillier Vicent Marmara qal li ġie avviċinat minn persuna li lesta li torganizza korsijiet lill bdiewa fuq liċenzja tal-bexx. Dawn il-korsijiet diġa qed isiru f'irħula oħra u din il-persuna lesta li torganizzhom fiż-Żurrieq ukoll. Din qed titlob l-approvazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsill fejn jidħol reklamar biss.

Kien hemm qbil fuq dan.

33.6.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato reġgħa wera d-diżapprovazzjoni tiegħu għal-fatt li qed jerġa jkun hemm wardens wara l-mina ta' Ħal Kirkop. Hu

qal li jaqbel li wardens jgħatu ċitazzjonijiet lil min jagħmel kontravenzzjonijiet, imma m'għandhom joqgħodu f'post wieħed jaħlu r-riżorsi biex jistadu għal min jiżbalja għax semġliċiment ma jixgħelx id-dawl taħt il-mina. Hu qal li dan l-aħħar minn flok żewġ wardens qed ikun hemm tlieta. Qal li jekk din it-triq hi arterjali l-ebda Sindku m'għandu jgħedd u juriżdizzjoni fuqha.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab lis-Sindku jindaga waqt waħda mis-seduti tar-Reġjun u jistaqsi kemm ingħataw kontravenzjonijiet f'dawn l-aħħar xahrejn u għal liema raġuni ingħataw.

33.6.5 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv terġa tikteb lill-Transport Malta fuq id-dewmien tad-deċiżjoni fuq parkeġġ b' time limit f'Misraħ Repubblika. Hu żied jgħid li jekk il-Kunsill ma jkollux risposta definittiva għandu jikteb lill-Ministru kkonċernat.

**33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

33.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €33,187.29

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Kevin Sam Farrugia.

**33.8 Data tas-seduta li jmiss.**

33.8.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar, 2015, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2015

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**